# Skola Sajf mal - Malta DanceSport Association

Din is- sena aktar min snin ohra l- MDA kienet partner socjali mal-gvern biex tippromovi z- zfin tad- Dance Sport fl-iskejjel tal-gvern waqt Skola Sajf.

Mijiet ta’ studenti li attendew ghal Skola Sajf, saru konxji taz-zfin Latin Amerikan tad-Dance Sport. L-inizjattiva hadet il-hajja meta zaghzugh membru fl-MDA b’esperjenza ta’ tghalim ta' Skola Sajf ghal dawn l-ahhar tlett snin, flimkien mal-President Mrs. Annie Cassar hargu bil-proposta li jigi introdott iz-zfin fl-iskejjel.

L-idea kienet li t-tfal setghu jesperimentaw bilanc perfett bejn arti espressiva u sport, kombinazzjoni ideal, li kienet ispirata mit-tema ta' SkolaSajf ghal din is-sena : Hiliet Kreattivi.
Fl-10 ta' Gunju fil-Palace Hotel tas-Sliema ipprezentaw il-proposta taghhom fis-seminar tal-koordinaturi ta' bosta centri madwar Malta, fejn anka gew jaghtu demostrazzjoni koppja zghira **Gilbert Lucas Bugeja u Mariona Zahra** mill-iskola ta' Christopher Zammit DanceSchool, Mosta, id-Direttur tal-Isports fi hdan l-MDA.

Tul il-prezentazzjoni gew mressqa spunti validi dwar l-beneficcji taz-zfin fil-qasam ta' sahha fizika kif ukoll ghajnuna siewja ghall-izvilupp socjali tat-tfal. It-tbissima fuq fomm kulhadd, meta raw din il-koppja ta' eta zghira, jaghtu l-ahjar taghhom kienet pass inkoragganti hafna. .

Il-fuq min 21 skola ikkuntatjaw l-MDA bejn il-15 ta' Gunju u it-2 ta' Settembru sabiex koppji zghar imorru jghatu demostrazzjonijiet tad-DanceSport. L-attivitajiet kienu mzewwqa bejn demostrazzjoni ta' passi basici fic-**Cha Cha Cha u Samba,** u fun dances, kif ukoll inghata ktejjeb ta' worksheets iddisinjat apposta mill-istess zaghzugh ghat-tfal. Dan kien jinkludi krafts, xi tisliba u tpingijiet dwar id-dinja tad-DanceSport.

Permezz tieghu it-tfal setghu jitrawmu fil-kulturi differenti ta' pajjizi li minnhom origina certu zfin. Il-fatt li tara dawn it-tfal subien u bniet, ta’ eta' bejn is-sitt snin u tnax il- sena li qatt ma raw dan iz-zfin, juru interess kif ukoll jippartecipaw bi hgarhom b'koncentrazzjoni kbira attenti fuq il-passi li ppruvaw jjzfnu, kienet xi haga li tnissel sodisfazzjoni.

It- tama tal MDA hi li fil-gejjieni, din l-iskema **ta' SKOLAZFIN** issa li nibtet, titkompla tul is-sena skolastika bhala attivita alternattiva ta' ezercizzju fiziku.

Kellna tifhir kbir minghand l-istess genituri u wisq aktar mil – headteachers u ko-ordinaturi ta' bosta skejjel, fosthom dawk tal-Hamrun, Dingli, Qormi, San Gwann, Paola, Tarxien, Birzebbugia u ohrajn li apprezzaw ix-xoghol siewi li ghamlu l-membri tal MDA.

Id-domanda kienet kbira u l-interess qawwi izda ma kienx possibli nzuru kull skola. Fil-futur qarib hemm il-hsieb li nikkonkludu din l-iskema ghal dan is-sajf permezz ta' kompetizzjoni zghira bejn l-iskejjel. L-inizjattiva kella issir nhar it-tlieta 25 ta' Awwissu izda giet postposta ghal izjed tard meta it-tfal jibdew jissetiljaw fl-iskejjel u hekk nistghu nikkuntatjawhom bl-akbar kalma u izjed organizzazzjoni.

L-MDA jiddispjaciha li ma lahqux marru f’ kull skola ta Skola Sajf pero' hemm il-hsieb li aktar il quddiem izuru dawk l-iskejjel li ma lahqux marru fihom.

Hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li ghenu biex dan l- Isport jigi introdott ma’ studenti ta’eta’ zghira specjalment lis-Sur Saviour Saliba, Koordinatur Nazzjonali ta' Skola Sajf u kolleggi, lis-Sinjorina MaryRose Debono, Service Manager Projects and Initiatives, is-Sinjorina Maria Ciappara, Principal tal-Kullegg Santa Klara tas-sapport u interess personal f' din l-inizjattiva.
Grazzi kbira tmur lil genituri tal-koppji **Krezimir Hegadus u Chantelle Cardona, G ilbert Lucas Bugeja u Mariona Zahra, Nicky Aquilina u Nicole Meli,** ilkoll studenti ta’ Christopher Zammit DanceSchool, kif ukoll **Jamie Mifsud u Osaia Azzopardi** mill- iskola ta Christian Caruana.

Nifrah mhux inqas lil- Presidenta ta’ l- istess MD is-sinjura Annie Cassar, ta’ xoghol daqshekk siewi u volontarju. Maghha inghaqdu, s-sur Louis Taliana, s-sinjorina Jane Abela, u is-sinjura Mary Anne Abela Medici, membri kumitat tal- MDA li kulljum kienu jmorru fl-iskejjel biex jghatu idea u jispjegaw x'inhu dan l-isport billi jiehdu maghhom il-koppji zeffiena li diga semmejt biex jghatu wirjiet ta ' zfin Latin American.
Nisperaw li dan ix-xoghol siewi jkompli jitkattar. Hekk noholqu kampanja biex inqajjmu izjed gharfien tad-DanceSport halli nghollu l-prestigju Socjali u kompetittiv ta' dan l-Isport

**Web site tal-MDA www.maltadancesport.org tinsab fuq Social Netework ta’ FACEBOOK**

**Victor Cassar Pro**
**Jean-Claude Dimech. Pro studenti MDA**